*Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 20,787, 18 ta' Frar, 2022*
*Taqsima A*

# MALTA

**ATT Nru VIII tal-2022**

ATT maħruġ b'liġi mill-Parlament ta' Malta.

**ATT sabiex jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12.**

**ACT No. VIII of 2022**

AN ACT enacted by the Parliament of Malta.

**AN ACT to amend the Code of Organization and Civil Procedure, Cap. 12.**

Nagħti l-kunsens tiegħi.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
**President**

18 ta' Frar, 2022

**ATT Nru VIII tal-2022**

*ATT sabiex jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, Kap. 12.*

IL-PRESIDENT, bil-parir u l-kunsens tal-Kamra tad-Deputati, imlaqqgħa f'dan il-Parlament, u bl-awtorità tal-istess, ħareġ b'liġi dan li ġej:-

**1.** It-titolu fil-qosor ta' dan l-Att hu l-Att tal-2022 li jemenda l-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili u dan l-Att għandu jinqara u jinftiehem ħaġa waħda mal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, hawn iżjed 'il quddiem imsejjaħ "il-Kodiċi". Titolu fil-qosor. Kap. 12.

**2.** Il-paragrafu (b) tal-artikolu 912 tal-Kodiċi għandu jiġi emendat kif ġej: Emenda tal-artikolu 912 tal-Kodiċi.

(a) il-kliem "li l-valur nett tagħhom jammonta għal, jew ikun aktar minn, sitt elef disa' mija u tmienja u tmenin euro u tnax-il ċenteżmu (6,988.12)," għandhom jiġu sostitwiti bil-kliem "li l-valur nett tagħhom jammonta għal, jew ikun aktar minn, tlettax-il elf euro (€13,000),"; u

(b) minnufih wara l-ewwel proviso tiegħu għandu jiżdied il-proviso ġdid li ġej:

"Iżda wkoll fil-kalkolu tal-valur nett imsemmi għandu jittieħed kont tal-kera mħallsa għall-proprjetà użata bħala r-residenza prinċipali, mal-preżentazzjoni ta'

kuntratt reġistrat skont il-liġi u rċevuti ta’ ħlas rilevanti; u għandu jittieħed kont tal-manteniment li tħallas lill-konjuġi l-ieħor u t-tfal, maħruġa permezz ta’ ordni mill-Qorti, mal-preżentazzjoni ta’ evidenza rilevanti tal-ħlas:".

Mgħoddi mill-Kamra tad-Deputati fis-Seduta Nru 546 tad- 9 ta’ Frar, 2022.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Skrivan tal-Kamra tad-Deputati*

I assent.

(L.S.) **GEORGE VELLA**
**President**

18th February, 2022

## ACT No. VIII of 2022

*AN ACT to amend the Code of Organization and Civil Procedure, Cap. 12.*

BE IT ENACTED by the President, by and with the advice and consent of the House of Representatives, in this present Parliament assembled, and by the authority of the same as follows:-

**1.** The short title of this Act is the Code of Organization and Civil Procedure (Amendment) Act, 2022 and this Act shall be read and construed as one with the Code of Organization and Civil Procedure, hereinafter referred to as "the Code". Short title. Cap. 12.

**2.** Paragraph (b) of article 912 of the Code shall be amended as follows: Amendment of article 912 of the Code.

(a) the words "the net value whereof amounts to, or exceeds, six thousand and nine hundred and eighty-eight euro and twelve cents (6,988.12)," shall be substituted by the words "the net value whereof amounts to, or exceeds, thirteen thousand euro (€13,000),"; and

(b) immediately after the first proviso thereof there shall be added the following new proviso:

"Provided further that in calculating the said

net asset value, account shall be taken of the rent paid for the property used as the main residence, upon presentation of a registered contract according to law and relevant payment receipts; and account shall be taken of the maintenance paid to the other spouse and children, issued by a Court order, upon presentation of relevant evidence of payment:".

---

Passed by the House of Representatives at Sitting No. 546 of the 9th February, 2022.

ANĠLU FARRUGIA
*Speaker*

RAYMOND SCICLUNA
*Clerk of the House of Representatives*

**Ippubblikat mid-Dipartiment tal-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta —** ***Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta***
**Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern fuq karta FSC —** ***Printed at the Government Printing Press on FSC certified paper***

**Prezz/*Price***
**€0.36**